MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2017

Rikors Maħluf Numru 254/15LM

**General Workers' Union**

***vs.***

1. **Malta Public Transport Services (Operations) Limited;**
2. **Union Ħaddiema Magħqudin;**
3. **Ir-Reġistratur ta' *Trade Unions***

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-17 ta' Marzu, 2015 mill-attriċi **General Workers' Union** (minn issa 'l quddiem "l-attriċi GWU"), u maħluf minn Anthony Zarb, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-union esponenti, il-General Workers' Union ("il-GWU") tgħodd bħala membri tagħha l-maġġoranza tal-ħaddiema tas-soċjetà intimata Malta Public Transport Services (Operations) Limited, ossia dawk il-ħaddiema li jagħtu servizz ta' trasport pubbliku (ġjà magħruf bħala l-Arriva);*

2. *Illi l-union esponenti tgawdi r-rikonoxximent trejdunjonistiku uffiċjali da parti tal-imsemmija soċjetà intimata Malta Public Transport Services (Operations) Limited u għalhekk hija tinnegozja kollettivament f'isem il-ħaddiema kollha tat-trasport pubbliku impjegati mal-istess soċjetà, ad esklużjoni ta' kwalunkwe union oħra;*

3. *Illi l-union intimata, ċjoè il-Union Ħaddiema Magħqudin ("il-UĦM") bosta drabi ivvantat pretensjonijiet li tkun hi dik il-union li tirrappreżenta l-ħaddiema quo għall-fini ta' negozjar kollettiv. Minkejja tali pretensjonijiet, il-UĦM qatt ma wriet illi hija għandha msieħba magħha l-maġġoranza tal-ħaddiema u wisq anqas wriet li l-GWU ma għandhiex hi l-maġġoranza tal-ħaddiema msieħba magħha. Illi fil-fatt, il-GWU kellha u għad għandha l-maġġoranza tal-ħaddiema msieħba magħha u għalhekk għandha jedd li tirrappreżentahom għall-fini ta' negozjar kollettiv;*

4. *Illi nhar il-11 ta' Frar 2015, il-GWU saret taf permezz tal-mezzi tax-xandir li l-UĦM u s-soċjetà intimata kienu ngħataw deċiżjonijiet in segwitu għal proċeduri fit-Tribunal Industrijali kontra s-soċjetà intimata fejn il-UĦM qed titlob li tingħata r-rikonoxximent. Fil-fatt, irriżulta li dakinhar it-Tribunal Industrijali kien ta deċiżjoni preliminari nru 2362 (annessa Dok. GWU1[1]) li permezz tagħha ddikjara li d-drivers jiffurmaw bargaining unit separat u għaldaqstant għandhom id-dritt li jkunu hekk rikonoxxuti. Inoltre, fl-istess seduta t-Tribunal Industijali ta digriet (anness Dok. GWU2[2]) li permezz tiegħu inkariga lill-intimat Registratur tat-Trade Unions biex:*

> *"(a) jivverifika permezz ta' eżami bir-reqqa tar-records tal-kumpannija intimata, kif ukoll tal-Union Rikorrenti (il-UĦM) biex jiddetermina n-numru ta' drivers impjegati mal-Kumpannija Intimata kif ukoll kemm minn dawn huma membri tal-Union Rikorrenti, u (b) fil-25 ta' Frar, 2015 jirrapporta lil dan it-Tribunal ir-riżultat tal-verifika tiegħu."*

5. *Illi tali deċiżjonijiet ittieħdu mit-Tribunal Industrijali mingħajr ma l-GWU kienet imsejħa biex tkun parti mill-proċeduri u allura mingħajr ma ngħatat l-opportunità li ssemma leħinha fuq materja li taffetwaha direttament. Fil-fatt, huwa inkonċepibbli kif it-Tribunal Industrijali seta' jasal biex jagħti deċiżjoni li permezz tagħha qasam il-workforce rappreżentata mill-GWU f'żewġ kategoriji fuq sempliċi talba tal-UĦM. Dan kollu seħħ mingħajr ma l-GWU ngħatat l-opportunità li tagħti l-veduti tagħha jew b'xi mod topponi. Fil-fatt, l-assenza tal-GWU mill-proċeduri wassal biex it-Tribunal ġie indott jasal għall-konkużjoni li llum jeżisti ftehim kollettiv separat għad-drivers, u li għalhekk kien jisħoqqilhom li jkunu meqjusa bħala separate collective bargaining unit. Madankollu, mhux minnu li jeżisti ftehim kollettiv għax-xufiera, u li allura d-deċiżjoni tat-Tribunal*

[1] *A fol.* 7 u 8.
[2] *A fol.* 9.

*(mogħtija b'mod verament mgħaġġel, mingħajr smigħ ta' provi) ngħatat biss abbażi ta' dak li ngħad quddiem it-Tribunal fl-assenza tal-GWU.*

6. *Illi inoltre fl-istess udjenza fejn it-Tribunal qasam il-workforce f'żewġ kategoriji, ta wkoll digriet fejn ordna lir-Registratur tat-Trade Unions intimat jagħmel eżami tar-records tal-kumpannija intimata u tal-UĦM. Dan l-eżerċizzju ta' verifika huwa intiż bħala l-pass li jippreċedi l-għoti ta' rikonoxximent ta' xi union f'kategorija ta' ħaddiema partikolari u allura kollox jindika li l-għan tat-Tribunal Industrijali huwa li, kemm-il darba jinstab li l-UĦM tgawdi maġġoranza fil-kategorija ristretta tad-drivers, jagħtiha immedjatament rikonoxximent f'din il-kategorija u dan kollu minn wara dahar il-GWU li sa llum hija l-union rikonoxxuta għall-ħaddiema kollha tal-kumpannija u għalhekk tinnegozja f'isem il-ħaddiema kollha, inkluż id-drivers. Biex union tingħata rikonoxximent f'post tax-xogħol fejn diġà hemm union rikonoxxuta, irid qabel xejn jitneħħa r-rikonoxximent tal-union ġjà rikonoxxuta (f'dan il-każ il-GWU).*

7. *Illi, dan kollu premess sar minn wara dahar il-GWU u għalhekk qed jiġi leż id-dritt ta' smigħ xieraq u għalhekk ukoll id-deċiżjoni u digriet imsemmija jiksru l-prinċipji tal-ġustizzja naturali.*

8. *Illi anke l-proċedura ta' verifika li qed jittenta jaddotta t-Tribunal Industijali hija oġġettivament leżiva għad-drittijiet tal-GWU. Dan għaliex fl-ewwel lok, it-Tribunal fi ħsiebu jivverifika biss ir-records tal-prinċipal u tal-UĦM u allura qata' għal kollox barra l-GWU li għandha hi stess il-maġġoranza tal-ħaddiema bħala membri tagħha. Mingħajr konferma tal-membership tal-GWU, it-Tribunal jista' potenzjalment jasal biex jiddetermina l-kwistjoni ta' recognition mingħajr lanqas biss ikun ta' vuċi lil parti interessata. Fit-tieni lok, it-Tribunal Industrijali qabbad lir-Reġistratur tat-Trade Unions biex jagħmel verifika tas-sħubija trejdunjonistika, liema kompitu ma jaqax fil-mansjonijiet statutorji tiegħu. Fil-fatt, imkien il-liġi ma tagħti jedd lir-Reġistratur intimat li jagħmel eżerċizzju ta' verifika kif mitlub mit-Tribunal Industrijali. Fit-tielet lok, ir-Reġistratur jgħodd bħala membri tal-istaff tiegħu persuni li huma magħrufa għas-sħubija u attiviżmu tagħhom fil-GWU u għaldaqstant ma jista' qatt ikun assigurat li eżerċizzju fejn qed ittellaq il-UĦM ikun wieħed trasparenti u attendibbli.*

9. *Illi l-union esponenti talbet u permezz ta' digriet tal-4 ta' Marzu, 2015 ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati milli jibdew jew ikomplu eżerċizzju ta' verifika ta' records ta' sħubija trejdunjonistika ta' ħaddiema in segwitu ta' deċiżjoni u digriet mogħtija mit-Tribunal Industrijali nhar il-11 ta' Frar, 2015, jew xi forma ta' verifika oħra, stante li tali proċedura hija leżiva għad-drittijiet tal-union esponenti u tippreġudikaha irrimedjabbilment, u inoltre, (b) biex iżżomm lis-soċjetà intimata Malta Public Transport Services (Operations)*

*Limited milli tagħti rikonoxximent trejdunjonistiku sħiħ jew parzjali lill-Union Ħaddiema Magħqudin.*

10. *Illi minkejja li l-union esponenti ipprotestat mar-Reġistratur intimat dwar il-prattika ta' verifika li huwa jaddotta, saħansitra permezz ta' protest ġudizzjarju, huwq baqa' inadempjenti.*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, jgħidu l-intimati jew min minnhom għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex għar-raġunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tkun neċessarja:*

1. *Tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali nru 2362 tal-ħdax (11) ta' Frar elfejn u ħmistax (2015) fl-ismijiet Union Ħaddiema Magħqudin vs. Malta Public Transport Services (Operations) Ltd. stante li l-istess Tribunal apprezza ħażin il-liġi applikabbli, kif ukoll peress li aġixxa bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;*

2. *Tħassar, tirrevoka u tannulla d-digriet tat-Tribunal Industrijali tal-ħdax (11) ta' Frar elfejn u ħmistax (2015), mogħti fl-atti tat-Tilwima tax-Xogħol nru. 3294/FM, li permezz tiegħu inkariga lill-intimat Reġistratur tat-Trade Unions biex "(a) jivverifika permezz ta' eżami bir-reqqa tar-records tal-kumpannija intimata, kif ukoll tal-Union Rikorrent (il-UĦM) biex jiddetermina n-numru ta' drivers impjegati mal-Kumpannija Intimata kif ukoll kemm minn dawn huma membri tal-Union Rikorrent, u (b) fil-25 ta' Frar, 2015 jirrapporta lil dan it-Tribunal ir-riżultat tal-verifika tiegħu." stante li l-istess Tribunal apprezza ħażin il-liġi applikabbli, kif ukoll peress li aġixxa bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;*

3. *Tiddikjara li l-proċess ta' verifika ta' sħubija trejdunjonistika adoperata mir-Reġistratur ta' Trade Unions huwa ultra vires, abbużiv u leżiv għad-drittijiet tal-union rikorrenti.*

*Bir-riżerva għal kull azzjoni fil-liġi u bl-ispejjeż kontra l-intimati, jew min minnhom, inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Reġistratur tat-*Trade Unions*** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut Reġistratur") li ġiet ippreżentata fl-10 ta' April, 2015 u maħlufa minn Joseph Camilleri fil-kapaċità tiegħu ta' Aġent Reġistratur tat-*Trade Unions*, li biha eċċepixxa:

1. *Illi in linea preliminari, l-esponent mhuwiex il-leġittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan stante li l-esponenti mhuwiex parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal li r-rikorrent qed jipprova jistħarreġ ġudizzjarjament;*

2. *Illi fil-mertu, l-esponenti jikkontesta t-talbiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma sar xejn mit-Tribunal Industrijali jew mill-esponenti illi jista' legalment jattira l-ħtieġa ta' reviżjoni da parti tal-Qorti;*

3. *Illi l-esponenti jissottometti li huwa dejjem aġixxa fil-parametri stabbiliti fil-liġi u li fl-ebda waqt ma aġixxa ultra vires il-poteri u l-funzjonijiet mogħtija lilu permezz tal-liġi. Illi skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta) huwa d-Direttur għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg li jokkupa l-kariga ta' Reġistratur tat-Trade Unions. L-Artikolu 52(2) tal-Kap. 452 jagħti poter lill-esponent li "jeħtieġ li kull persuna tagħtih kull tagħrif rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju ta' dawk il-funzjonijiet u l-qadi tad-dmirijiet tiegħu". M'hemm l-ebda dubbju li l-verifika ta' dikjarazzjoni ta' union dwar l-isħubija o meno ta' impjegati ma' union partikolari hija parti mill-funzjonijiet legali tal-esponenti;*

4. *Illi l-esponenti jirrileva wkoll li talbiet għal għarfien trejdunjonistiku għal fini ta' negozjar kollettiv isiru b'mod regolari minn unions diversi in rappreżentanza tal-ħaddiema li jkunu msieħba magħhom. Il-prassi fir-relazzjonijiet industrijali f'Malta kif konfermata mit-Tribunal Industrijali hi li min iħaddem jagħti tali rikonoxximent jekk union verament tirrappreżenta l-maġġoranza ta' ħaddiema fil-kategorija jew kategoriji li għalihom din tkun qed tintalab. Illi fil-prattika jeżistu problemi reali naxxenti mill-fatt illi min iħaddem ma jkunx f'posizzjoni li jikkonferma l-validità tal-istqarrija ta' tradeunion meta din tal-aħħar tallega li l-maġġoranza tal-impjegati huma msieħba magħha. Sħubija jew le f'union hi informazzjoni personali sensittiva li impjegat mhux obbligat li jagħti lil min iħaddmu u li min iħaddem m'għandu l-ebda dritt li jippretendi li jkollu. Illi biex jiġi evitat tilwim industrijali inutili u biex ikun jista' jiġi faċilitat l-proċess tal-evalwar ta' tali talba u b'hekk min iħaddem ikollu gwida ta' kif għandu jimxi, l-esponenti meta mitlub min prinċipal jew jekk jiġi hekk ordnat mit-Tribunal Industrijali, jagħmel proċess ta' verifika fejn pretensjonijiet da parti ta' union li hija jkollha rappreżentanza maġġoritarja tiġi evalwata. Illi sa minn Diċembru 2014, il-verifiki qed isiru minn membri indipendenti minn l-esponenti, li nħatru appożitament mill-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili sabiex jagħmlu tali verifiki;*

5. *Illi l-esponenti jissottometti li huwa l-impjegat li għandu d-dritt li liberament jissieħeb jew jitlaq minn trade union. Hu l-impjegat li jagħti lil trade union id-dritt li tirrappreżentah individwalment u, jekk ikun hemm maġġoranza f'kategorija, kollettivament. Xogħol l-esponenti, fuq talba ta' min iħaddem jew fuq talba tat-Tribunal Industrijali huwa li jikkonferma jekk dikjarazzjoni li tagħmel union fuq l-isħubija allegata ta' impjegat hix valida jew le. Union li ma għandhiex il-maġġoranza ma għandha l-ebda dritt li tippretendi li tirrappreżenta lill-kategorija ta' impjegati b'mod kollettiv;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*

7. *Bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Union Ħaddiema Magħqugin** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta UĦM") li ġiet ippreżentata fis-16 ta' April, 2015 u maħlufa minn Joseph Vella, uffiċjal tal-konvenuta UĦM u debitament awtorizzat, li biha eċċepiet:

*1) Fl-ewwel lok illi l-Union rikorrenti għandha tiddkjara il-bażi legali ta' din l-azzjoni u tiddikjara ai termini tal-liema Artikoli tal-liġi qed tintavola din il-proċedura.*

*2) Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju, illi mhux minnhu illi t-Tribunal Industrijali għamel apprezzament ħażin tal-liġi applikabbli u aġixxa bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u kwindi l-ewwel żewġ talbiet għandhom jiġu miċħuda.*

*3) Fit-tielet lok u ukoll mingħajr preġudizzju, illi l-proċess ta' verifika ta' sħubija trejdunjonistika dejjem u konsistentement kien adopert mir-Reġistratur tat-Trade Unions* (recte)*, u huwa stramb kif il-Union rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara tali proċess bħala ultra vires u abbużiv u leżiv għad-drittijiet tagħha meta hi stess, għal tant u tant drabi, inkluż fil-passat riċenti, ipparteċipat f'tali proċess u talbitu hi - kwindi l-insostenibilità tat-tielet u l-aħħar talba attriċi.*

*4) Fir-raba' u l-aħħar lok, illi t-talbiet tal-Union rikorrenti huma fattwalment skorretti minħabba xi premessi żbaljati iddikjarati fir-rikors promotur, u għal dan il-għan, qed issir hawnekk, f'din ir-risposta, espożizzjoni tal-fatti kif inhuma.*

a) *Illi t-tilwima industrijali li nibdet kienet bejn il-UĦM u s-soċjetà Malta Public Transport Services (Operations) Ltd (PTS) – u tali tilwima bejn dawn iż-żewġ entitajiet kienet soġġetta għall-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali.*

b) *Illi għandu jkun paċifiku jingħad illi tilwima industrijali bħal din taqa', bil-liġi, fil-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali sabiex jivverifika u jiddeterminha.*

c) *Illi Tribunal Industrijali iddegreta fis-sens illi jawtorizza lir-Reġistratur tat-Trade Unions sabiex jesegwixxi l-eżerċizzju ta' verifika tal-membri hija prassi komunissima, użata għal snin twal u dejjem aċċettata mill-partijiet soċjali kollha - sew jekk employers, sew jekk Unions etc. Hemm diversi eżempji li jistgħu jingħataw f'dan ir-rigward :*

   *Eżempju riċenti ta' dan huwa l-Każ 3200/MF deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2014, fejn appuntu in segwitu għall-verifika magħmula mir-Reġistratur tat-Trade Unions, ġie dikjarat mit-Tribunal Industrijali illi l-GWU kellha l-maġġoranza tal-ħaddiema de quo u kwindi ngħatat ġustament, l-għarfien ewlieni. Ma jirriżultax illi f'dawk il-proċeduri riċenti (2014), l-GWU għamlet allegazzjonijiet bħal dawk magħmula hawnekk.*

d) *Illi t-Tribunal Industrijali huwa wkoll l-organu ġiudizzjarju bil-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiddetermina jekk ħaddiema f'entità għandhomx dritt jiġu meqjusa bħala separate bargaining unit. Dan ukoll ma għandux ikun ikkontestat. Anke hawnekk jistgħu jingħataw tant eżempji.*

e) *Illi in kwantu għalhekk illi t-Tribunal Industrijali, fid-deċiżjoni tiegħu tal-11 ta' Frar, 2015 (Każ 3294/FM) – deċiżjoni preliminari 2362 – iddeċieda illi l-ħaddiema/xufiera tal-PTS jikkostitwixxu "a separate bargaining unit", għandu jkun paċifiku jingħad illi t-Tribunal għandu kull ġurisdizzjoni u kompetenza jagħmel dan u kwindi kwalsiasi apprezzament tal-provi, l-atti u l-liġi kellu jagħmilha l-istess Tribunal.*

f) *Illi l-uniku ftehim kollettiv mal-PTS ikopri biss u unikament ix-xufiera u ebda grad jew posizzjoni oħra.*

g) *Illi fil-premessi tagħha, l-GWU tissottometti illi "l-UĦM qatt ma wriet li hija għandha msieħba magħha l-maġġoranza tal-ħaddiema." U fil-frattemp, filwaqt illi t-Tribunal ordna l-verifika tar-Reġistratur tat-Trade Unions, persuna indipendenti minn kull Union, b'dana kollu l-istess GWU waqqfet dan il-proċess.*

h) *Il-GWU tilmenta fir-rikors tagħha għaliex ma kinitx msejjħa tkun parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali. Mingħajr preġudizzju għal dak li jingħad aktar il-fuq, fis-sens illi t-tilwima kienet bejn il-UĦM u l-Managment tal-PTS, issir hawnhekk referenza għad-deċiżjoni 2307 mogħtija mit-Tribunal Industrijali fil-Każ 3172/HW fejn it-talba tal-GWU sabiex tintervjeni fil-Każ appuntu dwar kwistjoni ta' rikonoxximent (kopja esebita in atti Inibizzjoni) ġiet appuntu miċħuda u t-Tribunal Industrijali korrettament iddeċieda illi "it-tilwima tax-xogħol għandha tibqa' bejn l-MUBE u l-BOV."*

i) *Illi għalhekk hemm diversi deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali, hekk hija il-prassi u hekk tiddetta il-Liġi u l-prattika industrijali - fejn hemm tilwima bejn Union u Management, mhux neċessarju illi kull Union oħra jkollha sehem fil-proċeduri – propju għax tilwima hija bejn Union partikolari u l-Management. U forsi għax dan tafu ben tajjeb li l-GWU li ma talbitx hi li tintervjeni - għax kienet taf u konsapevoli illi t-Tribunal Industrijali ma jaċċettax involviment ta' Unions oħra f'tilwim bejn Union partikolari u l-Management.*

   *Eżempli ta' dan jistgħu jingħataw ħafna imma for ease of reference qed isir aċċenn għal żewġ deċiżjonijiet (a) Nru 2204 GWU vs British High Commission tad-19 ta' Frar, 2013 u (b) Każ Nru 2803/MF Go Plc u Mobisle Communications Ltd vs UĦM (f'kull każ kopji esebiti in atti Inibizzjoni) minn fejn jirriżulta ċar illi dawn huma żewġ kawżi dwar rikonoxximent ta' union għal skop ta' negozjar, preċiż bħal fil-każ odjern, u l-proċeduri kienu biss bejn il-Union interessata u l-Managment. Di più, wieħed jinnota illi kemm meta inizjalat il-proċeduri il-GWU u kif ukoll meta inizjalati mill-Managment, dejjem kienu proċeduri leġittimi bejn żewġ partijiet.*

j) *Fuq kollox il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali jinsabu f'punt fejn il-GWU tista' liberalment, jekk trid u tħoss il-ħtieġa u temmen illi għandha interess ġuridiku f'dan il-proċeduri, titlob li tintervejni fihom ai termini tal-Artikolu 960 tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta. U jekk it-Tribunal iħoss opportun illi tintervjeni f'dan l-istadju, allura ċertament illi ma jkollha xejn mill-allegati leżjonijiet li l-GWU tilmenta minnhom, in kwantu illi hija tinvervjeni in status et terminis u tkun liberalment tista' titlob illi tipparteċipa fil-proċess ta' verifika li għandu jinżamm mir-Reġistratur.*

k) *Il-GWU tilmenta fir-rikors tagħha illi l-proċess li ser jiġi miżmum mir-Reġistratur tat-Trade Unions huwa leżiv għad-drittijiet tagħha – dan fuq tlett kawżali:*

*ki) Il-GWU tilmenta, bħala l-ewwel leżjoni, mill-fatt illi t-Tribunal Industrijali ordna verifika biss tar-records tal-prinċipal u tal-UĦM u qata' barra għal kollox l-GWU.*

*i. Ir-Reġistratur tat-Trade Unions (qisu l-ewwel darba li ser jagħmel verifika!) jista' dejjem jieħu dawk il-miżuri u jadotta dawk il-proċeduri li huwa jħoss opportun sabiex issir verifika xierqa u ġusta.*

*ii. It-tilwima industrijali teżisti biss bejn il-UĦM u l-PTS u minn hekk biss jista' jirriżulta illi r-Reġistratur tad-Trade Unions ikollu stampa ċara jew waħda inkonklussiva, f'liema każ jitlob l-aħjar direzzjoni tat-Tribunal Industrijali.*

*iii. Illi fl-ipotesi illi mill-verfika ma jirriżultax illi l-UĦM għandha l-maġġoranza assoluta, allura t-talba tagħha taqa' b'mod awtomatiku.*

*iv. Illi fl-ipotesi illi jirriżulta illi l-maġġoranza tal-ħaddiema xufiera huma membri tal-UĦM, allura jkunu ġew sodisfatti r-rekwiżiti li trid il-Liġi, u salv kwalsiasi kwalifika jew verfika oħra, it-Tribunal jkun jista' jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu.*

*v. Illi fl-ipotesi illi l-verika tibqa' inkonklussiva, allura r-Reġistratur tat-Trade Unions jitlob direzzjoni mit-Tribunal Industrijali għall-aħjar anda-ment u determinazzjoni tal- pendenza u t-tilwima u f'każ illi l-verifika tibqa' inkonklussiva, allura it-Tribunal jgħaddi biex jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti UĦM fl-atti tal-proċess li jinsab quddiem it-Tribunal Industrijali.*

*vi. Imma huwa ċertament mhux aċċettabbli illi għax potenzjalment (ipotesi minn tlieta), il-UĦM jista' jiġi stabbilit illi tgawdi l-maġġoranza assoluta tax-xufiera, allura tittanta l-GWU twaqqa' u tħassar il-proċess leġittimu u legali skond id-digriet li għandu jsir f'każijiet bħal dawn kif leġittimament ordnat mit-Tribunal kompetenti.*

*Evidentament, ma hemm ebda leżjoni reali li l-GWU tista' ssofri u fuq kollox, bl-intervent tal-Union Rikorrenti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali, jkollha hi ukoll kull dritt illi tintervjeni fil-proċess ta' verifika.*

*kii) Il-GWU tilmenta ukoll, bħala t-tieni leżjoni - minn dak li tgħid u tallega illi ma jaqgħux fil-mansjonijiet statutorji tar-Reġistratur tat-Trade Unions biex jagħmel l-eżerċizzjonu tal-verifika.*

*Ir-risposta ser tingħata fis-siltiet li qed jiġu hawnekk riprodotti mid-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti fid-digriet tagħha (27/01/2014) għal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1949/13LSO fl-ismijiet MUBE vs BOV Plc, fejn ġew trattati*

*vertenzi simili għal dawn t'hawnekk. Di fatti dik l-istess vertenza, tilwima ġiet mbagħad riżolta aktar tard matul is-sena l-oħra wara illi saru appuntu l-aċċertament, il-verifiki mir-Reġistratur tat-Trade Unions, (vide t-tielet eċċezzjoni) abbażi ta' liema it-Tribunal Industrijali għadda biex ġustament ta raġun lill-GWU li b'hekk otteniet id-dritt tar-rappreżentanza kollettiva skont il-fatti li rriżultaw u li ġġustifikaw il-posizzjoni li kienet qed tieħu l-istess GWU f'dawk il-proċeduri:*

> *Il-Qorti ssib li l-Union rikorrenti (MUBE) pprovat li għandha jedd prima facie biex titlob il-ħruġ tal-mandat odjern peress li għandha l-jedd li titlob li jiġu mħarsa d-drittijiet tagħha sakemm isiru l-aċċertamenti indipendenti tal-istat ta' sħubija u dan fl-interess tal-membri tagħha.*
>
> *Din il-Qorti hi konvinta li meta jsiru proċeduri ta' verifika ta' sħubija f'Unions għandu jiġi mħares il-prinċipju tal-liberta' ta' assoċjazzjoni b'mod li jiġi aċċertat li l-ħaddiema huma rappreżentati mill-Union li huma jiddelegaw volontarjament għal dan l-iskop.*
>
> *Hu prinċipju bażilari li Union m'għandhiex tiġi svestita mid-drittijiet tagħha b'mod leġġer u ħlief għar-raġunijiet serjissimi, aktar u aktar meta tali drittijiet huma ntiżi sabiex jiddefendu d-drittijiet tal-membri tagħha. Dawn id-drittijiet huma essenzjali għall-progress tad-drittijiet tal-ħaddiema f'dan il-pajjiż demokratiku u indipendenti.*
>
> *Sabiex dan isir, il-proċess ta' verifikazzjoni għandu jiġi espletat b'mod indipendenti u trasparenti għall-Unions kollha kkonċernati, sabiex jiġi żgurat li m'hu qed isir l-ebda intimidazzjoni da parti ta' Union jew ieħor fuq il-ħaddiema.*

*kiii) Il-GWU tilmenta wkoll, it-tielet leżjoni, u tallega illi l-proċess ser ikun wieħed leżiv għad-drittijiet tagħha peress illi r-Reġistratur jgħodd "bħala membri tal-istaff tiegħu persuni li huma magħrufa għas-sħubija u attiviżmu tagħhom fil-UĦM, u għaldaqstant ma jista' qatt ikun assikurat li eżerċizzju fejn qed ittellaq il-UĦM ikun wieħed trasparenti u attendibbli."*

*Imma possibbli li l-akbar Union f'Malta ġġib dan l-argument u tittanta ssarfu bħala bażi ta' leżjoni tad-drittijiet tagħha? Imma possibbli illi l-GWU qed tinsinwa illi dawn il-ħaddiema ma għandhomx dritt ta' assoċjazzjoni f'Union? Jew forsi dan l-argument, din l-allegata leżjoni, ma kienx jitqajjem kieku kienu membri tagħha?*

*Salv risposta ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Malta Public Transport Services (Operations) Limited** minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") li ġiet ippreżentata fil-21 ta' April, 2015 u maħlufa minn Roderick Bajada debitament awtorizzat, li biha eċċepiet:

1. *Illi s-soċjetà intimata Malta Public Transport Services (Operations) Limited ("MPTS") hija l-kumpannija li llum qed topera s-servizz tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri liema servizz huwa rikonoxxut bħala "servizz essenzjali" skont il-Kap 452 tal-liġijiet ta' Malta, u għal dan il-għan timpjega l-fuq minn ċirka 1000 -il impjegat;*

2. *Illi s-soċjetà MPTS tikkonferma dak li tissotometti il-union rikorrenti (il-General Workers Union - "GWU") fit-tieni paragrafu tar-Rikors tagħha, u ċjoè illi l-GWU tgawdi r-rikonoxximent trejdunjonistiku uffiċjali da parti tas-soċjetà MPTS u dan kif kien ġie ikkonfermat permezz ta' ittra ta' rikonixximent datata 8 ta' Awwissu, 2011 mis-soċjetà esponenti ġjà bl-isem 'Arriva Malta Limited' (hawn annessa u mmarkata "DOK MPTS 1"[3]) u għaldaqstant il-GWU innegozjat hi kolletivament mal-istess soċjetà f'isem l-impjegati tal-kumpannija;*

3. *Illi huwa evidenti anke minn dawn il-proċeduri stess illi s-soċjetà esponenti inqabdet f'morsa bejn żewġ unions illi qiegħdin jikkontendu d-dritt illi huma jirrappreżentaw il-maġġoranza ta' ħaddiema għal skopijiet ta' negozzjar u/jew illi huma jirrappreżentaw il-maġġoranza ta' parti mill-ħaddiema.*

4. *Illi permezz ta' email datata 22 ta' Mejju, 2014 il-union intimata (il-Union Ħaddiema Maqgħudin "UĦM") iddikjarat illi hija kienet tgawdi l-maġġoranza tal-ħaddiema fil-kategorija ta' "Driver" u kienet bagħtet tinforma lis-soċjetà esponenti illi jekk il-proċess ta' verifika ma kienx ser isir sas-16 ta' Ġunju, 2014 l-istess UĦM kienet ser tagħti direttivi lill-membri tagħha sabiex ma jaħdmux f'ħinijiet partikolari illi kienu peak hours;*

5. *Illi meta kienet ġiet mistiedna l-UĦM mill-kumpannija stess sabiex il-UĦM tippreżenta informazzjoni li tiġġustifika u tissustanzja t-talba tagħha li kienet qed tgawdi l-maġġoranza f'kategorija jew oħra tal-ħaddiema tal-kumpannija (billi, fost affarijiet oħra, tagħti n-numru ta' ħaddiema membri magħha) din baqgħet ma pprovdiet l-ebda forma ta' evidenza u għalhekk ma setgħetx tinstab soluzzjoni bonarja għal din il-kwistjoni;*

[3] *A fol.* 30.

6. *Illi kien proprju għalhekk illi l-UĦM ivvantat pretensjoni quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex it-Tribunal jiddikjara illi ix-xufiera li jaħdmu mas-soċjetà MPTS għandhom jiġu kkunsidrati bħala seperate bargaining unit ad esklużjoni tal-ħaddiema l-oħra u saħansitra l-UĦM talbet sabiex it-Tribunal jordna proċess ta' verifika biex jiġi ikkonfermat liema union tgawdi l-maġġoranza fost din il-kategorija ta' ħaddiema;*

7. *Illi għalhekk il-UĦM ressqet it-talba tagħha quddiem it-Tribunal Industrijali liema talba saret permezz tad-Dikjarazzjoni tal-Każ hawn anness u mmarkat "DOK MPTS 2"*[4] *– u dan wara li l-UĦM kienet ġjà għażlet li tirrikorri għall-azzjonijiet industrijali nhar is-17 ta' Ġunju, 2014 u kienet ukoll kitbet lill-Ministru responsabbli sabiex hi għamlet referenza ta' Tilwima Industrijali lill-istess Tribunal.*

8. *Illi qabelxejn jiġi preċiżat illi għas-soċjetà esponenti ma tagħmel l-ebda differenza liema union il-ħaddiema effettivament jagħżlu li tirrappreżenthom għal skopijiet ta' negozjar kollettiv mal-istess soċjetà – u f'dan il-kuntest il-kumpannija MPTS tagħmilha ferm ċara li l-posizzjoni tagħha kienet u tibqa' illi hi taċċetta u tirrispetta d-dritt tal-ħaddiema tagħha illi jiffurmaw union u/jew jiġu irrappreżentati minn union tal-għażla tagħhom għal skopijiet ta' negozjar u li hija lesta tirrikonoxxi u tinnegozja ma' kwalunkwe union illi fattwalment tgawdi l-maġġoranza fost il-ħaddiema u dan skont kif ikun ikkonfermat minn proċess ta' verifika ġust u trasparenti;*

9. *Illi f'dan il-kuntest is-soċjetà MPTS kienet ippreżentat r-risposta tagħha permezz tad-Dikjarazzjoni tal-Każ tagħha hawn annessa u mmarkata "DOK MPTS 3"*[5] *fejn fost affarijiet oħra ikkontestat bil-qawwa t-talba li x-xufiera għandhom ikunu ikkunsidrati bħala entità distinta mill-bqija tal-ħaddiema l-oħra kollha u dan primarjament, iżda mhux biss, stante illi l-frammentazzjoni ta' rappreżentanza sindikali m'hix fl-interess la tal-ħaddiema stess u lanqas tas-soċjetà esponenti u l-prinċipju għandu jkun illi ħaddiema ta' kumpannija għandhom jinżammu bħala unit omoġeniju għall-iskopijiet ta' collective bargaining. Illi għaldaqstant il-kumpannija esponenti kienet fil-fatt talbet sabiex it-Tribunal Industrijali jiddeċiedi illi x-xufiera tal-karozzi tal-linja impjegati mas-soċjetà esponenti m'għandhomx jiġu ikkunsidrati bħala unità seperata u għaldaqstant sabiex jiċħad it-talbiet li kienet ressqet il-UĦM;*

10. *Illi huwa fatt magħruf illi quddiem it-Tribunal Industrijali fil-Każ Nru 3294/FM il-partijiet (u ċjoè is-soċjetà esponenti u l-UĦM) kellhom biss l-opportunità illi*

[4] *A fol.* 31 sa 33.
[5] *A fol.* 34 sa 38.

*flimkien mat-Tribunal jiddiskutu kif kienu ser jiġu stradati il-proċedimenti tal-kawża. Illi dan seħħ waqt l-ewwel seduta quddiem it-Tribunal Industrijali li saret nhar l-Erbgħa 28 ta' Jannar, 2015 (vide "DOK MPTS 4"*[6]*) u fejn il-kumpannija esponenti kienet qed tikkontendi illi t-Tribunal kellu l-ewwel jiddeċiedi jekk ix-xufiera kellomx jiġu kkunsidrati bħala seperate collective bargaining unit qabel ma t-Tribunal jgħaddi biex jordna li ssir il-verifika ta' liema union tgawdi r-rappreżentanza. Illi għalhekk fuq talba li ressqet l-istess kumpannija seduta stante, t-Tribunal kellu qabel xejn jikkunsidra u jiddeċiedi liema miż-żewġ talbiet tal-UĦM kellha tiġi ittratata l-ewwel waqt dawn il-proċedimenti. Fil-fatt it-Tribunal kien iddiferixxa l-każ għal nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar, 2015, fis-2.15p.m., sabiex jagħti Digriet dwar l-istess talba;*

11. *Illi waqt din l-ewwel seduta l-partjiiet mai ppreżentaw l-ebda prova – la fuq it-talba tal-UĦM biex ssir il-verifika u wisq inqas fuq it-talba tal-UĦM li x-xufiera għandhom jiġu ikkunsidrati bħala unità seperata. Illi inoltre l-partjiet ma ngħatawx l-opportunità illi jagħmlu sottomissjonijiet dwar l-istess;*

12. *Illi minkejja dan nhar il-11 ta' Frar, 2015, it-Tribunal Industrijali ta deċiżjoni preliminari nru 2362 (annessa mar-Rikors tal-union attriċi immarkat bħala 'DOK GWU 1' ) fejn it-Tribunal Industrijali iddikjara li x-xufiera li jaħdmu fi ħdan is-soċjetà intimata jiffurmaw separate bargaining unit u b'hekk għandhom jingħataw id-dritt li jkunu hekk rikonoxxuti separatament. L-istess Tribunal immedjatament wara ħareġ digriet ieħor fejn ordna li jsir proċess ta' verifika għal din il-kategorija b'dan illi t-Tribunal inkariga lill-Reġistratur tat-Trade Unions biex jagħmel il-verifika (vide d-dokument anness mar-Rikors tal-union rikorrenti mmarkat "DOK GWU 2");*

13. *Illi s-soċjetà esponenti tikkonferma illi hija kienet ferm sorpriża b'din id-deċiżjoni li ittieħdet mit-Tribunal Industrijali mingħajr ma l-partijiet ngħataw ċans li jippreż-entaw provi jew argumenti dwar l-istess fuq il-materja illi hija waħda ta' importanza kbira għall-operat tagħha;*

14. *Illi kif diġà tenniet fir-risposta tagħha fil-każ quddiem it-Tribunal Industrijali is-soċjetà intimata tibqa ssostni l-pożizzjoni tagħha u tisħaq illi x-xuffiera fi ħdan il-MPTS m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala separate collective bargaining unit u dan għar-raġunijiet ġjà elenkati fir-risposta soppraċitata.*

15. *Illi f'dan l-istadju tajjeb illi din il-Qorti tapprezza ili permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti (diversament preseduta) li laqgħet talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (li kienet intalbet mill-union attriċi - il-GWU) l-istess soċjetà*

[6] *A fol.* 39 u 40.

*intimata MPTS kif ukoll l-UĦM u r-Reġistratur tat-Trade Unions huma sallum pprojbiti milli jagħmlu xi tip ta' proċess ta' verifika (kif fil-fatt kien ordna t-Tribunal Industrijali) u saħansitra l-istess soċjetà intimata hija pprojbita milli tinnegozja ma kwalunkwe union oħra jekk mhux il-GWU.*

16. *Illi minkejja illi saret talba għar-revoka ta' dan il-mandat l-istess talba ġiet miċħuda u għaldaqstant il-mandat għadu in vigore (vide deċiżjoni tal-Qorti Ċivili Inib. Nru 247/2015EG hawn annessa u immarkata "DOK MPTS 5"[7]);*

17. *Illi tajjeb wieħed ifakkar ukoll illi mandat ieħor (Mandat Nru 256/15/1) li kien ġie ppreżentat mill-UĦM quddiem din l-Onorabbli Qorti Ċivili (diversament preseduta) fejn il-UĦM talbet sabiex il-kumpannija esponenti MPTS tiġi inibta milli tkompli tinnegozja mal-GWU jew tagħmel kwalunkwe ftehim ieħor rigward kundizzjonijiet ta' xogħol, minkejja li kienet proviżżorjament milqugħa, ġiet wara revokata permezz ta' digriet tal-Qorti tat-3 ta' Marzu, 2015 (vide deċiżjoni tal-Qorti Ċivili hawn annessa u immarkata "DOK MPTS 6"[8]).*
18. *Illi inoltre, importanti wkoll li din l-Onorabbli Qorti tapprezza li filwaqt illi l-kumpannija esponenti MPTS ġiet rinfaċċjata b'dawn il-proċeduri kollha fi żmien qasir kif suespost, għal darb'oħra l-operat tal-kumpannija reġa' ġie mhedded għal-istess raġunijiet meta fit-12 ta' Marzu, 2015 l-operat ġie milqut minn azzjoni industrijali oħra msejħa mill-UĦM meta l-istess UĦM ordnat lill-membri tagħha ma jidħlux għax-xogħol, liema azzjoni, fl-opinjoni umli tal-kumpannija esponenti kienet tikkostitwixxi azzjoni industrijali illegali stante illi l-istrajk sar minħabba li l-kumpannija ma għamlitx il-proċess tal-verifika u dan meta, bħala fatt, hija ma setgħetx twettaq dan il-proċess proprju b'ordni ta' din l-Onorabbli Qorti (diversament preseduta) b'riżultat tal-Mandat ta' Inibizzjoni tal-GWU kif suriferit. Illi din l-azzjoni ittieħdet minkejja illi l-kumpannija interpellat lill-UĦM biex ma tkomplix bl-intendiment tagħha u sabiex tikkunsidra mezzi oħra.*

19. *Illi fil-preżent is-soċjetà Malta Public Transport Services (Operations) Limited tinsab fi żmien kruċjali fejn, kif jaf kullħadd, għandha azzjonisti u management ġodda li jridu joperaw dan is-servizz essenzjali għall-pajjiż. Dan ifisser illi s-soċjetà esponenti m'għandiex tkun, bla bżonn, kostretta issofri xkiel fl-operat tagħha u partikolarment m'għandiex tkun impeduta milli tinnegozja kundizzjonijiet tax-xogħol għal-ħaddiema tagħha illi jirriflettu l-bżonnijiet tal-operat tagħha. Illi huwa fatt li l-ftehim kollettiv viġenti jiskadi din is-sena (2015) u għandhu bżonn jiġi emendat u aġġornat biex jiġu regolati aħjar il-kundizzjonijiet ta' xogħol tal-ħaddiema tal-kumpannija u sabiex dawn jirriflettu r-realtajiet tal-operat tas-servizz tat-trasport pubbliku f'Malta, u għalhekk, huwa importanti li isiru*

[7] *A fol.* 41 sa 50, **General Workers' Union *vs.* Union Ħaddiema Magħqudin *et*,** P.A., 04.03.2015.
[8] *A fol.* 60 sa 67, **Union Ħaddiema Magħqudin *vs.* Malta Public Trasport Services (Operations) Limited,** P.A., 03.03.2015.

*negozjati u li dawn jitwettqu b'mod effettiv, mod effiċjenti u b'mod konklussiv. Illi bir-rispett kollu kwistjonijiet illi jinqalgħu bejn unions (jew bejn unions u awtoritajiet) ma għandhomx ikunu ta' xkiel inutli għal min iħaddem għaliex fl-aħħar mill-aħħar min ibati l-iżjed huwa l-passiġġier u l-ħaddiema stess.*

20. *Illi għalhekk is-soċjetà intimata MPTS, kif dejjem għamlet, tieħu l-okkażjoni terġa' tistieden lill-partijiet kollha jaħdmu sabiex il-kumpannija tkun tista' topera f'ambjent li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema, jirrispetta lill-passiġġieri u bżonnijiet tal-pubbliku ġenerali kif ukoll illi jkun jippermetti operat kummerċjali li jrendi – u dan għall-ġid ta' kullhadd.*

21. *Illi fl-aħħar mill-aħħar is-soċjetà esponenti terġa' tikkontendi illi sakemm union ikollha indikazzjoni reali li hija tkun qed tgawdi l-maġġoranza u li dik l-indikazzjoni tkun almenu ġustifikabbli prima facie mela allura għandu jsir proċess ta' verifika fost il-ħaddiema li jkun proċess ġust, trasparenti u demokratiku bl-anqas xkiel għall-operat ta' min iħaddem. Is-soċjetà esponenti tikkonferma illi hija ser tirrispetta kwalunkwe riżultat ta' dak il-proċess.*

*Għaldaqstant u in vista tal-premess is-soċjetà intimata filwaqt illi ma toġġezjonax għat-talba tal-union rikorrenti sabiex dina l-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali numru 2362 tal-11 ta' Frar 2015 fl-ismijiet Union Ħaddiema Magħqudin vs Malta Public Transport Services (Operations) Ltd u dan għar-raġunijiet suesposti, l-istess soċjetà esponenti tirrimetti ruħha għas-savju ġudizzju ta' dina l-Qorti għall-bqija tat-talbiet attriċi u bir-rispett titlob lil dina l-Qorti tordna u tieħu l-miżuri kollha li jidrilha xierqa u opportuni sabiex tinkiseb il-paċi industrijali fi ħdan is-soċjetà intimata għal-ġid tal-istess soċjetà, tal-ħaddiema kollha li jaħdmu fi ħdana, u tal-pubbliku ġenerali li jixraqlu servizz tat-trasport pubbliku effiċjenti u kompetenti.*

*Bir-riserva għal kull dritt jew azzjoni spettanti lilha fil-liġi u bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, inġunti għas-subizzjoni.*

Rat d-digriet ta' din il-Qorti fl-udjenza tal-24 ta' Frar, 2016, fejn laqgħet it-talba tal-union attriċi għall-allegazzjoni tal-atti tal-każ numru 3294/FM quddiem it-Tribunal Industrijali.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 29 ta' Novembru, 2016 fejn laqgħet it-talba tal-konvenuta UĦM sabiex tippreżenta eċċezzjoni ulterjuri u dan stante li l-artikoli 158(11) u 731 tal-Kap. 12 jikkontemplaw il-possibbiltà li konvenut iressaq eċċezzjonijiet li jinqalgħu wara li tkun ġiet intavolata l-kawża.

Rat ir-Risposta Maħlufa ulterjuri tal-konvenuta UHM li ġiet ippreżentata fis-6 ta' Diċembru, 2016 u maħlufa min Joseph Vella in rappreżentanza tal-istess union konvenuta, li biha eċċepiet:

> *Illi b'żieda mar-risposta ġuramentata tagħha u wara d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tad-29 ta' Novembru 2016, il-Union esponenta teċċepixxi ulterjorment in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-Union rikorrenti (GWU) f'dawn il-proċeduri.*
>
> *Salv għal risposta ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Ġunju, 2017, fejn l-avukati tal-partijiet irrimettew ruħhom għall-provi in atti u l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

It-Tribunal Industrijali kien qed jisma' tilwima tax-xogħol istitwita mill-konvenuta UĦM kontra s-soċjetà konvenuta fejn tqajjem il-punt mill-konvenuta UĦM jekk il-kategorija tax-xufiera li jaħdmu mas-soċjetà konvenuta kinux jikkwalifikaw bħala *separate bargaining unit.* It-Tribunal Industrijali b'deċiżjoni preliminari[9], kien iddeċieda li x-xufiera li jaħdmu mas-soċjetà Malta Public Transport Services (Operations) Limited jiffurmaw *a separate bargaining unit* u b'digriet tal-istess data[10] t-Tribunal Industrijali inkariga lir-Reġistratur tat-Trade Unions biex mir-*records* tas-soċjetà konvenuta u tal-konvenuta UĦM jiddetermina n-numru ta' *drivers* impjegati mas-soċjetà konvenuta u kemm minnhom kienu membri tal-konvenuta UĦM.

Fil-kuntest ta' dakollu l-attriċi GWU tilmenta *inter alia* illi bl-imsemmija deċiżjoni preliminari nru 2362 u bid-digriet tal-11 ta' Frar, 2015, it-Tribunal Industrijali apprezza ħażin il-liġi applikabbli u aġixxa bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u dan stante li l-attriċi GWU ma kinitx imsejħa biex tkun parti mill-imsemmija proċeduri u allura ma ngħatatx l-opportunità li ssemma leħinha fuq materja li taffetwaha direttament. L-attriċi GWU tikkontendi wkoll illi l-proċess ta' verifika mir-Reġistratur ta' *Trade Unions* hu *ultra vires* il-mansjonijiet tiegħu, abbużiv u leżiv għad-drittijiet tal-attriċi GWU.

[9] *A fol*. 7 u 8 datata 11.02.2015.
[10] *A fol*. 9.

## Riżultanzi

Illi jirriżulta mill-atti tal-każ numru 3294/FM quddiem it-Tribunal Industrijali annessi mal-atti ta' din il-kawża, li fid-9 ta' Ottubru, 2015[11] il-konvenuta UĦM ċediet dak il-każ stante li dak iż-żmien kienet qiegħda titlob ir-rikonoxximent bħala l-union li tirrappreżenta l-maġġoranza tal-impjegati kollha tas-soċjetà konvenuta u mhux biss tax-xufiera. Konsegwentement it-Tribunal Industrijali fil-15 ta' Ottubru, 2015 ikkanċella l-każ numru 3294/FM minn fuq il-lista.[12]

Il-Qorti tikkonstata wkoll li fattwalment id-deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali tal-11 ta' Frar 2015 ma ngħatax effett la mis-soċjetà konvenuta u lanqas mill-konvenuta UĦM u l-mertu tal-imsemmija proċeduri ġie ssuperat u eżawrit bl-iżviluppi li segwew, għax eventwalment is-soċjetà konvenuta rrikonoxxiet lill-UĦM bħala l-union li kellha l-maġġoranza tal-impjegati kollha tas-soċjetà konvenuta, tant li ġie nnegozjat u ffirmat il-ftehim kollettiv għas-snin 2016 sal-2020 bejn is-soċjetà konvenuta Malta Public Transport Services (Operations) Limited u l-UĦM.[13]

Jirriżulta wkoll li fid-9 ta' Diċembru, 2016 ġew promulgati regolamenti ġodda[14] dwar rikonoxximent ta' *Trade Unions* biex jirregolaw l-għoti u r-revoka tar-rikonoxximent ta' *trade union*, bħala l-unika *union* li tkun tista' tinnegozja fuq il-post tax-xogħol. Dawn ir-regolamenti ngħataw effett immedjat u għalhekk ġie eżawrit ukoll il-mertu tal-proċeduri li kienu wasslu għad-digriet tat-

[11] *A fol.* 63 tal-atti tal-Każ Nru 3294/FM quddiem it-Tribunal Industrijali.
[12] *A fol.* 64 tal-atti tal-Każ Nru 3294/FM quddiem it-Tribunal Industrijali.
[13] *A fol.* 127 sa 164.
[14] Avviż Legali 413 tal-2016, S.L.452.413.

Tribunal Industrijali tal-11 ta' Frar 2015 u l-ordni mogħtija lir-Reġistratur tat-*Trade Unions.*

Illi in vista ta' dawn ir-riżultanzi, il-konvenuta UĦM talbet li tressaq eċċezzjoni ulterjuri[15] dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attriċi GWU in vista tal-aħħar żviluppi fl-imsemmija proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali.

Filwaqt li l-konvenut Reġistratur ma oġġezzjonax għal tali talba tal-konvenuta UĦM[16], is-soċjetà konvenuta ma ħaditx pożizzjoni fuq din it-talba stante li ddikjarat li l-uniku interess tagħha kien li tirrenja l-paċi industrijali fil-*workforce* tagħha.[17] Min-naħa tagħha l-attriċi GWU[18] opponiet għal din it-talba u sostniet li, irrispettivament mill-avvenimenti li seħħew wara li ġiet intavolata l-kawża, liema avvenimenti ma kienx hemm kontestazzjoni fuqhom, l-interess tagħha kien li każ bħal dan ma jerġax iseħħ quddiem it-Tribunal Industrijali u kienet qed tinsisti fuq deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-mertu.

Tqis illi jekk din l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta UĦM dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attriċi GWU tiġi milqugħa, il-Qorti ma tkunx tista' tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi fil-mertu, u għalhekk din l-eċċezzjoni trid tiġi deċiża qabel kull ħaġa oħra.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Hu doveruż li din il-Qorti l-ewwel teżamina f'ċertu dettall dan il-kunċett tal-interess ġuridiku u kif żviluppa fil-ġurisprudenza nostrali, qabel ma jiġi applikat

[15] Ara rikors *a fol.* 165 sa 167.
[16] Ara risposta *a fol.* 176 u 177.
[17] Ara risposta *a fol.* 178 u 179.
[18] Ara risposta *a fol.* 180 sa 182.

għall-fattispeċi ta' din il-kawża. Fis-sentenza fl-ismijiet **Alex Eminyan *vs.* John Mousu *pro et noe***[19] ġie ritenut illi:

> "L-interess irid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjieni lill-attur u f'dan is-sens irid ikun personali. Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbużiv u illegali allegatament kommess mill-esponent u d-dannu jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Gladys Magri *et vs.* Market Intelligence Services Co Ltd**[20], il-Qorti tal-Appell irribadiet illi l-interess ġuridiku:

(i) irid ikun attwali - jeżisti fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni riferibbilment għal ksur ta' jedd u jibqa' jeżisti tul il-kors kollu tal-kawża;

(ii) irid ikun dirett;

(iii) irid ikun leġittimu - konformi għal dritt tal-attur, u mhux biss interess;

(iv) irid ikun ġuridiku - interess li jadixxi l-Qorti biex jottjieni dak li jitlob;

(v) l-azzjoni trid tkun kapaċi li twassal lill-attur għall-otteniment ta' vantaġġ jew utilità;

---

[19] Q.A., 28.02.1997, Kollezz. Vol. LXXX1, P.II, p.429.
[20] Q.A., 20.05.2009.

(vi) għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjieni lill-attur;

(vii) il-kawża li jipproponi tkun tista' tipproduċilu riżultat utili jew vantaġġjuż għalih;

(viii) irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir;

(ix) ma jistax ikun ipotetiku, għalkemm jista' jirreferi għal jedd morali jew suġġettiv.

Illi jinsab stabbilit fid-dritt proċedurali ċivili illi l-interess hu l-miżura tal-azzjoni. Id-definizzjoni aċċettata fil-ġurisprudenza tagħna ta' interess ġuridiku hija dik tal-Mortara[21] li jgħid li l-interess ġuridiku huwa *"l'utilità finale della domanda gudiziale nel tema dell'asserita ezistenza o violazione del diritto"* u ċjoè jekk l-azzjoni tkun kapaċi li tipproduċi riżultat vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat ma jkunx jista' jigi usufruwit, allura dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta (Vol LXXVI p2 p 247).

Illi ġie ritenut ukoll minn din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Camilleri *et vs.* Giuseppe Sammut *et***[22]:

[21] **Mortara, Manuale della Procedura Civile**, Vol. I, p.37.
[22] P.A., 07.01.1953.
[23] P.A., 12.12.2001.

> "Dan l-interess għandu karattru personali, jiġifieri l-vjolazzjonijiet biss għad-drittijiet li jappartjenu lill-attur jawtorizzawh illi jeżerċita l-azzjoni. L-interess, ikun x'ikun, morali jew astratt, jew pekunjarju, irid ikun dejjem ġuridiku, jiġifieri korrispondenti għal-leżjoni ta' veru dritt; irid ikun dirett, jew derivanti minn kawża korrelattiva għall-persuna li taġixxi, kif ukoll leġittimu u attwali."

Illi ngħad ukoll illi l-attwalità tal-interess tfisser illi dan:

> "irid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq." (ara **Anna Attard** ***et noe vs.*** **Rev. Patri Serafin Abela** ***noe et***[23] u **Cecil Pace** ***et noe vs.*** **Emanuel A. Bonello** ***pro et noe***[24]***)***.

Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **John Muscat** ***et vs.*** **Rachelle Buttigieg** ***et***[25]:

> "L-interess irid ikun a) ġuridiku, jiġifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-eżistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tiegħu; b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, ħlief fl-azzjoni popolari; ċ) attwali fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jiġifieri l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pożittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."

Illi fil-fatt, fil-kawża **Emilio Persiano** ***vs.*** **Il-Kummissarju tal-Pulizija noe**[26] il-Qorti qalet hekk:

> "Illi għal bosta snin il-Qrati tagħna fissru li l-elementi meħtieġa biex isawru interess tal-attur f'kawża huma tlieta, u jiġifieri li l-interess irid

[24] Q.A., 24.09.2004.
[25] Q.A., 27.03.1990 - Kollez. Vol. LXXIV, Pt.iii, p.481.
[26] P.A., 27.03.1990.
[26] P.A., 18.01.2001.

ikun ġuridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'tal-ewwel, wieħed jifhem li dak l-interess għandu jkollu mqar iż-żerriegħa tal-eżistenza ta' jedd u l-ħtieġa li tilqa' għal kull attentat ta' ksur tiegħu minn ħaddiehor. Dan l-interess m'hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku."[27]

Illi minbarra dawn l-elementi, ġie mfisser ukoll li biex wieħed ikollu interess li jiftaħ kawża, dak l-interess jew aħjar il-motiv tat-talba, għandu jkun konkret u jeżisti fil-konfront ta' dak li kontra tiegħu ssir it-talba.[28] Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Micallef *vs.* Peter Mifsud *et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri)[29] intqal hekk:

> "F'kawża fir-"*Ripertorio dell Foro Italiano*"/1972, f'kummenti dwar l-artikolu 100 tal-Proċedura Ċivili li jirrigwarda l-interess, issemmiet il-kawża **Società Spemo *vs.* Società Egreria** (Nru. 112 Cass. 6 ta' Ottubru, 1972 numru 2884) fejn ingħad, "*L'interesse ad agire richiesto dall'articolo 100, cpc, consiste nell'esigenza di ottenere un risultato utile, giuridicamente apprezzabile e non conseguilible senza l'intervento del guidice ...* ".

Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Ronald Fiorentino et *vs.* Andrew Azzopardi noe**,[30] deċiża fl-1 ta' Marzu, 2006, il-Qorti rriferiet għal dak li ntqal mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (2003 numru 13091) fis-sens illi:

> *"l'interesse ad agire, necessario anche ai fini dell'impugnazione del provvedimento giudiziale, va apprezzato in relazione alla utilità concreta derivabile alla parte dall'eventuale accoglimento del gravame e non puo consistere in un mero interesse astratto ad una più corretta soluzione di una questione giuridica, non aventi riflessi pratici sulla decisione adottata."*

[27] Ara wkoll **Falzon Sant Manduca *vs.* Weale**, Q.A., 09.01.1959, Kollez. Vol. XLIII,Pt.i,p.11.
[28] Ara wkoll **Francis Tonna *vs.* Vincent Grixti**, P.A., 13.03.1992, Kollezz. Vol. LXXVI,Pt.iii, p.592.
[29] 11.01.2006.
[30] App. Inf., 01.03.2006.

Tqis ukoll li l-interess ġuridiku biex l-attur jistitwixxi kawża jrid jissussisti matul il-ħajja tal-azzjoni. Jekk xi wieħed mill-prerekwiżiti biex jissussisti l-interess ġuridiku jkun nieqes *ab initio* fil-mument li tiġi istitwita l-kawża jew jiġi nieqes fil-mori tal-kawża, il-konsegwenza immedjata ta' dan in-nuqqas tkun li l-konvenuti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.[31] Il-konvenuta UĦM fir-Risposta Maħlufa ulterjuri tagħha eċċepiet in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attriċi GWU. Madankollu għandu jiġi puntwalizzat li l-konvenuta UĦM kienet ġiet awtorizzata tressaq din l-eċċezzjoni ulterjuri stante li l-artikoli 158(11) u 731 tal-Kap. 12 jikkontemplaw il-possibbiltà li konvenut iressaq eċċezzjonijiet li jinqalgħu wara li tkun ġiet intavolata l-kawża. Tenut kont tal-ġurisprudenza fuq enunzjata, dak illi jrid jiġi eżaminat mill-Qorti huwa jekk l-interess ġuridiku tal-attriċi GWU baqax jissusisti wara li fil-15 ta' Ottubru, 2015 il-UĦM ċediet il-każ numru 3294/FM u t-Tribunal Industrijali kkanċella dan il-każ minn fuq il-lista.

Illi l-attriċi GWU fir-risposta tagħha għar-rikors tal-Union Ħaddiema Maqgħudin tal-4 ta' Ottubru, 2016[32] issostni li għalkemm il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali ġew ċeduti mill-konvenuta UĦM, xorta jibqa' l-fatt li d-deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali tal-11 ta' Frar, 2015 tista' tiġi ċċitata kontriha f'każijiet b'fattispeċi simili.

Tqis illi din il-linja ta' argumentazzjoni da parti tal-attriċi GWU għandha tfalli għaliex hija bbażata fuq l-ipoteżi li xi darba jista' jinqala' każ simili li tkun involuta fih l-attriċi u d-deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali tal-25 ta' Novembru, 2015 tiġi ċċitata kontriha, tant li fl-imsemmija risposta tagħha

---

[31] **Joseph Sammut *et noe* vs Carmelo Attard**, Q.A., 17.02.1993, Kollez.Vol. LXXVII.
[32] *A fol.* 180 sa 182.

tgħid "illi trid tassigura li ma terġax tgħaddi minn proċeduri u sitwazzjonijiet simili fil-futur."

Tqis illi fi kwalunkwe każ fil-proċedura nostrali r-regola tal-preċedent jew *stare decisis* fir-rigward ta' deċiżjonijiet anteċedenti, li nsibu f'sistemi legali oħrajn, ma teżistix. Tqis għalhekk illi preżentement l-interess tal-attriċi GWU fil-kawża odjerna la huwa attwali u lanqas jista' jipproduċilha riżultat utili jew vantaġġjuż għaliha u huwa għalkollox ipotetiku. Evidentement il-Qrati jiġu aditi sabiex jiddeterminaw kwistjonijiet b'interess ġuridiku attwali u mhux ipotetiku u li kieku ma kienx hekk, kien ikun possibbli li jiġu istitwiti kawżi fuq punti akkademiċi biex jekk xi darba tqum xi kwistjoni bħal dik, ikun hemm diġà pronunzjament b'tagħlim studjat tal-Qrati. Però dakollu ma jikkwalifikax bħala l-interess ġuridiku immedjat u attwali li l-attur rikjest li jkollu tul il-kawża kollha.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Borg *pro et noe* vs. Joseph Pace *noe et***[33] fil-fatt intqal:

> "Bilkemm għalfejn jingħad li mhux kull xorta ta' interess jikkwalifika bħala "interess ġuridiku". Per eżempju, interess merament akkademiku ma jikkwalifikax, bħalma, u lanqas ma jissodisfa l-vot tal-liġi tal-proċedura interess f'dak li huwa preċipwament l-eżitu tal-kawża."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Bunker Fuel Oil Co. Ltd. *et vs.* Paul Gauci *et***[34] ingħad:

> "Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, u jista' jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew

[33] Q.A.,06.04.2006. Ara ukoll f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Sup.) **Michael Scicluna *vs.* Suprintendent tas-Saħħa Pubblika bhala Awtorità dwar il-Liċenzjar u l-istess Awtorità dwar Licenzja**, 25.11.2011 u **J & C Properties Limited *vs.* Terry Limited***,* 09.03.2007.
[34] P.A., 07.12.2011.

> jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[35], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[36] jew maħsub biss biex jissoddisfa xewqa li wieħed jingħata rispons purament akkademiku għall-kwestjoni." [37]

Barra minn hekk id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tal-11 ta' Frar, 2015 fl-atti tal-Każ Nru 3294/FM dwar *separate bargaining unit* tax-xufiera, illum il-ġurnata ma tistax tingħata ebda effett għax ġiet superata bil-fatt li l-Union Ħaddiema Maqgħudin ċediet il-każ u t-Tribunal Industrijali kkanċella l-każ minn fuq il-lista u għalhekk dan ma jistax jisma' l-mertu tal-każ bil-parteċipazzjoni tal-attriċi GWU. Illum il-ġurnata t-talbiet attriċi mhumiex kapaċi li jwasslu lill-attriċi għall-otteniment ta' xi vantaġġ jew utilità għax il-mertu tal-Każ Nru 3294/FM quddiem it-Tribunal Industrijali ġie ċedut, apparti li ġie sorpassat u eżawrit bl-avvenimenti li seħħew wara li ġiet intavolata l-kawża odjerna. Kif intqal mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (Cass. 15-07-66 n. 1903 u Cass. 29-04-74):

> *"La materia del contendere può ritenersi cessata quando nel corso del processo sopraggiungano determinate circostanze che, avendo incidenza sulla situazione sostanziale già prospettata, facciano venir meno la necessità della pronuncia del giudice in precedenza richiesta. Le circostanze sopraggiunte devono, però, riferirsi a fatti obiettivi, riconosciuti ed ammessi da entrambe le parti, perché, ove su di esse sorga dissenso, nessuna conseguenza giuridica può derivarne ai fini della predetta cessazione."*

L-istess jista' jingħad dwar l-ordni tat-Tribunal Industrijali lir-Reġistratur tat-*Trade Unions* permezz tad-digriet tal-11 ta' Frar, 2015, liema materja llum hi regolata bil-liġi, wara il-promulgazzjoni ta' regolamenti ġodda dwar

---

[35] **Axiaq *vs.* Mizzi noe et** (Kollez. Vol. XXXVI, Pt.ii, p.532), P.A., 13.10.1952.
[36] **Scolaro *vs.* Bailey** (Kollez. Vol. XXVII, Pt.ii, p.195), Q.A., 15.12.1932.
[37] **Melita Cable p.l.c. *vs.* L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**, App. Inf., 08.01.2010.

rikonoxximent ta' *Trade Unions* biex jirregolaw l-għoti u r-revoka tar-rikonoxximent ta' *trade union,* bħala l-unika *union* li tkun tista' tinnegozja fuq il-post tax-xogħol. Dawn ir-regolamenti ngħataw effett immedjat u għalhekk ġie eżawrit ukoll il-mertu tal-proċeduri li kienu wasslu għad-digriet tat-Tribunal Industrijali tal-11 ta' Frar 2015 u l-ordni mogħtija lir-Reġistratur tat-*Trade Unions.*

Tqis għalhekk li l-attriċi ma fadlilha l-ebda interess ġuridiku fil-kawża odjerna u allura m'hemmx skop li l-Qorti tikkunsidra ulterjorment it-talbiet tagħha u l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenuti.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta Union Ħaddiema Maqgħudin li l-attriċi General Workers Union m'għadx għandha interess ġuridiku fl-eżitu ta' din il-kawża;**

2. **Tastjeni għalhekk milli tikkunsidra ulterjorment it-talbiet tal-attriċi General Workers Union u l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenuti.**

**Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.